# Q O R T I   C I V I L I
## (Sezzjoni tal-Familja)

## ONOR. IMHALLEF
## ROBERT G. MANGION

**Illum 12 ta' April 2018**

Rikors Guramentat Nru.  196 / 10RGM

Kawza fil-lista:  15

**R M**
**vs**
**N M**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat pprezentat mill-attrici li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

Illi hija zzewget lil N M nhar is-16 ta' Jannar 1992. (recte: 1993)

Illi miz-zwieg taghhom kellhom tlett itfal: X Y ta' 17 il-sena, Q ta' 12-il sena u P ta' 10 snin.

Illi l-hajja matrimonjali bejnha u bejn zewgha tfarrket irrimedjabbilment minhabba vjolenza, ingurji gravi, sevizzi, adulterju u molestja da parti ta' zewgha konvenut.

Illi l-konvenut anke ha t-tfal mieghu bil-forza u bl-ebda mod ma jridha tarahom.

Illi peress, li m'hemmx cans ghal rikonciljazzjoni;

Illi peress illi din l-Onorabbli Qorti tat l-awtorizazzjoni taghha lill-attrici sabiex tkun tista` tipprocedi b' kawza ta' separazzjoni personali permezz ta' digriet numru 540/10 fl-atti ta' l-ittra Nru: 1061/09.

Ghaldaqstant jghid l-intimat N M ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghal ragunijiet imputabbli lill-istess intimat;

2. Takkorda l-kura u l-kustodja tal-minuri X Y, Q u P lill-attrici;

3. Takkorda lilha u lit-tlett uliedha dak il-manteniment li din il-Qorti jidhrilha xieraq.

4. Tillikwida l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet;

5. Tiddividi u tassenja l-komunjoni ta' l-akkwisti hekk likwidata lill-partijiet kif jidhrilha xierqa din l-Onorabbli Qorti;

6. Tapplika kontra l-konvenut l-artikolu 48 tal-Kodici Civili.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li hu ngunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li taqra kif gej:-

Illi l-esponenti jaghti ruhu b'notifikat bil-proceduri fl-ismijiet imsemmmija u jeccepixxi d-dezerzjoni ta' l-azzjoni attrici ai termini tal-artikolu 963 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, dan stante d-dekors ta' sitt xhur minn meta gie ntavolat ir-rikors guramentat promotur u l-intavolar tar-risposta guramentata stante l-fatt illi bil-prezenti risposta nghalqu l-proceduri bil-miktub.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat is-sentenza ta' din il-Qorti tat-23 ta' Gunju 2011 fejn giet michuda l-eccezzjoni preliminari tal-konvenut li l-azzjoni hi dezerta ai termini tal-artikolu 963 tal-Kap.12;

Rat ir-rapport tal-Avukat tat-tfal Dottor Stephanie Galea tad-9 ta' Jannar 2012 u d-digriet ta' din il-Qorti tat-18 ta' Jannar 2012 dwar l-access ghat-tfal mill-attrici;

Rat il-verbal registrat fis-seduta tat-13 ta' Marzu 2012 fejn giet nominata l-Avukat Dottor Barbara O'Brian bhala Assistent Gudizzjarju;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tat-18 ta' Gunju 2012 fejn gie nominat il-Psikoterapista David Grillo biex ifassal programm ta' terapija ghaz-zewg minuri u jirrapporta lill-Qorti dwar l-istess;

Rat x-xhieda ta' Pauline Camilleri ghall-Ghabex li xehdet fis-seduta tat-30 ta' Ottubru 2012 mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju;

Rat il-verbal registrat fis-seduta tal-25 ta' Jannar 2013 fejn giet nominata il-Psikoterapista tal-adoloxxenti Marika Busietta, li giet sostitwita b'terapista mill-Agenzija Appogg, fis-seduta tal-15 ta' Marzu 2013 billi baqa' ma thallasx d-depozitu ghall-ispejjes peritali;

Rat ir-rapport tal-Avukat tat-Tfal Dottor Stephanie Galea pprezentat fis-17 ta' Lulju 2013;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tas-16 ta' Awissu 2013 fejn gie sospiz l-access tal-omm ghat-tfal minuri u giet appuntata l-Foundation for Social Welfare Services biex tipprovdi servizzi ta' child psychologist liz-zewg minuri;

Rat x-xhieda ta' Rita Borg li xehdet fis-seduta tat-13 ta' Jannar 2015 mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju Dottor Juliana Scerri Ferrante;

Rat in-nota tal-attrici pprezentata fis-17 ta' April 2015 li maghha annettiet kopja ta' sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali kontra il-konvenut tal-25 ta' Marzu 2009, u numru ta' rapporti li l-attrici ghamlet mal-Pulizija kontra l-konvenut;

Rat id-digriet tal-10 ta' Dicembru 2015 dwar l-access tal-omm ghall-ulied;

Rat x-xhieda ta' Andreanna Gellel, Social Worker li xehdet fis-seduta tat-18 ta' Frar 2016;

Rat l-affidavit tal-konvenut N M anness ma' nota pprezentata fit-28 ta' April 2016; u l-kontro-ezami tieghu li sar fis-seduta tat-2 ta' Gunju 2016;

Rat x-xhieda ta' Margaret Farrugia, oht il-konvenut, li xehdet fis-seduta tat-13 ta' Lulju 2016, mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju;

Rat x-xhieda ta' WPC 311 Stephanie Saliba u WPS Sarah KathYn Zerafa li xehdu fis-seduta tal-21 ta' Ottubru 2016 mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju;

Rat l-affidavit tal-attrici u ta' ommha Rita Borg annessi ma' rikors pprezentat fit-3 ta' April 2017; dawn regghu gew ipprezentati annessi ma' nota tal-attrici pprezentata fil-11 ta' April 2017;

Rat n-nota ta' sottomissjonijiet tal-attrici pprezentata fil-11 ta' April 2017;

Rat x-xhieda ta' Joseph Saliba, ghall-Jobs Plus, ta' Saviour Theuma ghad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali u ta' Bruno Zahra ghall-Legal Aid Malta li xehedu fis-seduta tal-11 ta' Ottubru 2017 meta l-kawza giet differita ghallum ghas-sentenza.

Rat in-nota ta' osservazzjonijet responsiva tal-konvenut N M pprezentata fl-14 ta' Marzu 2018;

Rat il-verbal registrat fl-udjenza tal-31 ta' Jannar 2018 meta il-kawza giet differita ghallum ghas-sentenza.

**IL-PROVI.**

L-attrici, R M, fl-affidavit taghha mahluf fis-7 ta' Dicembru 2010,[1] tiddikjara li zzewwget lill-konvenut fis-16 ta' Jannar 1992, kienet ilha tafu xi hames snin u anke matul l-gherusija kellhom diversi incidenti ta' inkwiet. Hu kien ikun spiss fis-sakkra u meta kienet tghidlu "mela gejt" kien jibda jsawwatha. Il-genituri taghha ma' kellhomx pjacir bih, pero' hi saret thobbu u hasbet li meta jizzewwgu jinbidel. Meta sar jaf li l-genituri taghha ma rieduhx, kien jghidilha biex jkollhom x'jaqsmu biex jkollhom t-tfal u hi li kien ghad ghandha 19 il-sena ma oggezzjonatx. Meta ommha haditha ghand Ta' Kana, l-attrici kienet diga tqila u hemm kienu qalulha li 'zball ma jissewwiex b'iehor', u tizzewwgu biss jekk riditu mhux ghax kienet tqila.

Hi tghid li kienet ghamja fuqu u zzewwgitu. Mill-bidu nett taz-zwieg hu baqa' jsawwatha, billi kien ikun fis-sakkra u jinfexx fiha ghal xejn b'xejn. Kien anke igeghlha taghmel vendikazzjonijiet bhal tobrox il-karozza taz-ziju taghha, Filomenu li kien hafrilha. Zewgha kien jinfexx jsawwatha jekk ma' taghmilx dak li kien irid hu.

Kellhom tewmin, X Y li illum ghandu 18 il-sena u P li miet wara 23 gurnata. Wara kellhom lil Angelika li ghandha 12 il-sena u P li ghandu 10 snin.

[1] Fol 406.

Ftit snin wara li zzewwgu, r-ragel kellu l-bar tal-banda ta’ Lourdes tal-Qrendi u zewgha riedha tmur ma' ragel iehor li kien fil-bar. Tul z-zwieg barra dan il-bar kellu ukoll il-bar tal-kazin tal-Labour ta’ San Pawl il-Bahar, dawn il-hwienet hu riedhom biex joqghod jixrob.

Hi tghid li kienet mwerwra minnu u kienet tibza tmur tirrapporta l-Ghassa, u kien biss fl-ahhar zmien li kienu ghadhom flimkien li kienet ghamlet il-kuragg u bdiet tirrappurtah. Hafna drabi wara li kienet taghmillu rapport kienet tahfirlu. Qabel ma nfirdu hi kienet tiehu hsieb it-tfal ghalkemm kienet tbati mit-Thelassimia. Hi tbati ukoll mid-Diabete u gieli kellha attakki hfief tal-Ashtma. Wara li kellha z-zghir P iddahlet fl-ITU izda wara ftit granet rkuprat u kienet kapaci tiehu hsieb it-tfal.

Hi tghid li anke wara li twieled t-tifel P zewgha baqa’ jsawwatha. Ma kienx jaghtiha bizzejjed flus u hafna affarjiet tat-tfal kienu jixtruhomlha l-genituri taghha. Hu ma kellhux impieg regolari u mill-bars ma tantx kien jaqla’ flus billi kien dejjem jixrob.

Billi ma kellhomx flus biex jixtru post, ommha tathom l-uzu ta’ flat fil-Mosta b’xejn, u ghamlu sena jghixu ghandha. Kien jaghmel xhur shah ma kienx jkollu x’jaqsam maghha, hu kien jorqod f’kamra ohra u hi mat-tfal. Fil-presenza taghha, biex jwegga’ lill-attrici, lill-hbieb tieghu kien jghidilhom ‘Imxu nsibu Russa, dik ahjar mill-mara tieghi zgur’.

Kien jkollhom tieg, kien jmur jisker biex ma jmorrux u l-attrici tibqa’ gewwa. Hekk kien jigri fil-granet tal-Milied, hu kien johrog jixrob u hi u t-tfal jibqghu gewwa wahedhom.

Kemm waqt l-gherusija kif ukoll waqt z-zwieg gieli ghamillha s-sikkina ma’ ghonqha. F’diversi okkazjonijiet kien jkun fis-sakra, jsuq il-karozza li fiha kien ikun hemm l-attrici u t-tfal, u jieqaf f’daqqa’ fix-xifer ta’ barriera fil-Qrendi u jghid li jitfahhom 'l isfel. Darba meta kienu jghixu il-Mosta tefghalha borma mishun meta kellha it-tifla maghha. Lit-tifla ma laqghathiex pero’ l-attrici instmatet u damet tlett xhur tmur il-Burns Unit kuljum.

L-attrici qalet li kienu ilhom xi erba’ snin u nofs ma jghixhux flimkien. Dar taghhom qatt ma kellhom u billi l-konvenut kien ittraskura l-post ta’ ommha, din talbithom l-post lura. Hu sab post is-Siggiewi bil-kera. Hemmhekk il-vjolenza tieghu zdiedet. Darba tfew d-dawl kullimkien biex jorqdu u l-konvenut qabadha minn ghonqha u kien ser jivgaha, irnexxhielha tahrablu, nizlet isfel u telqghet mid-dar.

Cemplet lil certu Karmnu li kien habib ta' zewgha u li kien jithassarha billi anke quddiem in-nies gieli sawwatha. Lanqas setghet icempel lill-ommha u lil-missierha billi l-konvenut kien gelliedha maghhom. Dan kien il-Hadd u t-Tlieta ta' wara zammewha lis-Sptar ghal tlett tijiem, minhabba t-Thelassimia. Zewgha kien mar jaraha pero' ma riedx johdilha sapuna u xugaman u ghalhekk cemplet lil Karmnu li henn ghaliha u gabhomlha. Zewgha mar sabu fl-Isptar u qabad jaghtih ghax qal li l-attrici kellha x'taqsam mieghu fl-Isptar. Spiccaw il-Qorti, l-konvenut nstab hati li sawwat lilha u lil Karmnu u saritlu garanzija.

L-attrici mill-Isptar marret l-Ghabex u t-tfal zammhom hu, ma riedx jaghtihomlha u hi kienet il-hin kollu tibki ghalihom.

Darba kienet hierga mill-Ghabex u l-konvenut saq ghal fuqha xi tlett darbiet u nghata sentenza ta' habs sospiza. Il-proceduri ttiehdu mill-Pulizija ta' Birkirkara.

Hi ghamlet tlett xhur l-Ghabex u ghalkemm kienet taf li jsawwatha xorta baqghet tmur d-dar biex tara lit-tfal. Hu kien biddel is-serratura u kienu jifthulha t-tfal. Kif tasal zewgha kien jippretendi li jkollha x'taqsam mieghu, hi kienet tirrifjuta billi bhala fatt kienu separati u l-konvenut kien jaqbad isawwatha.

Bdiet tircievi l-assistenza socjali u kriet post 'il boghod fl-Imgarr, hi dejjem xtaqet li t-tfal ikunu maghha pero' meta kienet tghidlu hekk kien issawwatha.

Ragel li kien jafhom lit-tnejn u li kien jiffrekwenta il-kazin tal-Labour taz-Zurrieq, kien qalilha li jekk tipprova tiehu t-tfal kien jaqtghalha rasha bil-mingell tal-ghalqa. Hi ghalhekk kienet tibza u qatt ma ppruvat tiehu t-tfal. Hi pprezentat seba' ritratti b'konferma tas-swat li kienet taqla' minn zewgha.

Lit-tfal kienet ilha ma tarahom minn Awwissu precedenti u ma baqghetx tipprova tmur tarahom ghax kienet tibza' li tigi msawwta. Billi ma kellhiex biex thallas il-kera tal-post tal-Imgarr marret tghix l-YMCA il-Belt u minn hemm baghatuha Merhba Bik, wara marret Hal-Safi u tghinha ommha finanzjarjament.

Hi ddikjarat li waqt z-zwieg r-ragel kien akkwista bicca art fil-Qrendi, ghandhom zewg karozzi Van Transit u Lancia u kellha xi deheb li ma tafx x'sar minnu.

Finalment iddikjarat li tixtieq li tinghata l-kura u l-kustodja tal-ulied, li ommha tghinha finanzjarjament u tixtieq li tinghata manteniment ghaliha u ghall-uliedha jekk ikunu jghixu maghha.

L-attrici, b'nota pprezentata fis-17 ta' April 2015,[2] ipprezentat kopja ta' sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tal-25 ta' Marzu 2009 u ghaxar rapporti li hi ghamlet kontra zewgha mal-Pulizija.

B'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-25 ta' Gunju 2008, il-konvenut N M gie misjub hati li hebb ghall-attrici u kkagunalha feriti ta' natura hafifa u kiser l-paci u l-buon ordni pubbliku b'ghajjat glied u storbju u gie kkundannat xahrejn prigunerija sospizi ghall-sentejn. Din is-sentenza giet marginalment riformata fl-Appell fejn gie liberat mit-tieni akkuza, izda mill-bqija s-sentenza appellata giet ikkonfermata u gie kkundannat xahar u nofs prigunerija, sentenza li tibda ssehh jekk f'perjodu ta' sentejn jikkommetti reat iehor li ghalih hemm piena ta' prigunerija.

**Rita Borg, omm l-attrici,** fl-affidavit taghha mahluf fil-11ta' Lulju 2011,[3] iddikjarat li hi u zewgha kienu kontra li binthom tibqa' tohrog mal-konvenut N M. Il-konvenut dejjem irrifjuta li jmur ghandhom. Hi kienet tghid lil zewgha li kien ser johrog lil binthom tqila u hekk gara. Bintha kienet ghadha taht l-eta', kellha biss 16 il-sena u kitbitilha nota fejn qalet "Ma, jien veru pregnant, inhobbu u tlaqt mieghu".

Hi tghid li bintha u l-konvenut wehlu gimgha habs billi l-konvenut kien qed ikabbar d-droga fil-flat fejn ha lill-attrici tghix mieghu. Billi l-attrici kellha tqala difficli x-xhud zammithom ghandha ghal sena. Zewgha u l-konvenut dejjem kienu jispiccaw jiggieldu, u meta l-partijiet kienu johorgu in-nies kienu jghidulha li kien isawwatha. Hi spiss kienet tara t-tbengil fuq it-tifla li pero' kienet tigdeb ghalih.

Kellha flat il-Mosta li kien mikri, kecciet lill-inkwilini biex silfitilhom il-flat fejn damu jghixu 16-il sena bla hlas ta' kera. Gieli marret tirrapporta l-Ghassa tal-Mosta meta kienet tara t-tbengil fuq bintha u l-Pulizija kienu jghidulha li t-tifla stess trid tirrapporta u mhux ommha. It-tifla kienet tibza tirrapporta ghax kien issawwatha. It-tifel il-kbir X Y kien icempillha u jghidilha "Ejja nanna ghax tghidx kemm qed isawwat lil ommi".

Hi u zewgha kienu jmorru fil-pront u kienu jsibu ghamara mkissra u lill-konvenut fis-sakra.

Kienu jmorru biex jaraw lit-tfal, hu kien isakkarhom f'kamra biex ma jarawhomx.

Darba cempillha N u qalilha li kienu iggieldu u R telqet mid-dar. Hi marret ghandhom u sabet hafna hgieg imkisser u demm mal-hajt. Il-konvenut staqsiha riditx izzomm it-tfal iz-zghar u zammithom ghandha ghal ftit billi mar ghalihom u

[2] Fol 178.
[3] Fol 411.

hadhom. R marret f'xi home tan-nisa' msawwta u bdew imorru "Merhba Bik" biex jinvistawha.

Wara bdew bil-Qorti. Flus ma' kienx jaghtiha u kienet tghinha hi. Xehdet illi l-attrici, bis-swat u l-mohqrija li garrbet, specjalment ghax ma kienx ihalliha tara lit-tfal, qabditha depression. Kienet semghet li l-konvenut qal li jekk tohodlu t-tfal bil-Qorti kien jaqtalgha rasha. L-attrici ma marritx tghix maghhom ghax kienet taf li kien johloq l-inkwiet. Finalment ddikjarat li jekk it-tfal ikunu ma' l-attrici, hi kienet disposta li terga taghtiha il-flat tal-Mosta u tghinha trabbihom.

Rita Borg xehdet fis-seduta tat-13 ta' Jannar 2015 mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju.[4] Hi ddikjarat li sa fejn taf hi dejjem kien hemm il-vjolenza fiz-zwieg tal-partijiet, kemm fuq it-tfal kif ukoll fuq bintha R. Il-girien kienu jghidulha li jisimghu hafna twerziq u hafna dagha. Kull meta jiggieldu hu kien jnizzel t-tfal ghandha biex R ma tarahomx. Fuq R dejjem kienet tara hafna tbengil u grif, pero' R kienet tghidilha li mhux hu.

**Pauline Camilleri, Co-ordinator Dar Ghabex, Appogg,** xehdet fis-seduta tat-30 ta' Ottubru 2012 mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju.[5] Hi ddikjarat li l-ewwel kuntatt li kien sar mal-attrici kien fil-11 ta' Awissu 2006 meta kienet giet accettata biex tidhol gewwa l-Ghabex. Fil-granet ta' qabel kienet fl-Isptar u kienet qalet lil Alexia Cutajar, Social Worker, li kienet qed tibza tmur lura d-dar billi kienet soffriet l-abbuzi minn zewgha, li recentement kienu qed isiru aktar frekwenti. Kien hemm incidenti fizici u emozzjonali li kellhom effett psikologiku fuqha. L-attrici damet fid-dar Ghabex sal-bidu ta' Novembru. Kienu nqalghu xi incidenti meta kienet qed tghix fid-dar fosthom dak tal-4 ta' Settembru, meta zewgha pprova jtajjarha bil-karozza hdejn l-Ghabex u fit-22 ta' Ottubru, kellha incident vjolenti ma' oht il-konvenut.

L-attrici tbati minn Thalassimia u ma tkeccitx mid-dar bhal ma gara ma persuni ohra li ma gabux ruhhom tajjeb. Haga singolari f'dan il-kaz kienet li l-attrici ma kellhiex il-kura u l-kustodja tat-tfal, u meta kienet tqatta' xi hin maghhom, billi r-relazzjoni ma kienitx tajba, kellha dispjacir kbir.

F'dak iz-zmien l-attrici kienet qalet li zewgha kien jaghtiha LM30 fil-gimgha. Ix-xhud tghid li kienu qed jippruvaw jakkomodawha f'dar residenzjali ohra, pero' l-attrici ma xtaqitx u spiccat biex irritornat fid-dar matrimonjali pero' bl-intiza li tkompli bil-proceduri ta' separazzjoni personali.

[4] Fol 153.
[5] Fol 90.

Fis-seduta tas-17 ta' Jannar 2013, mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju,[6] l-istess xhud iddikjarat, li mill-informazzjoni li ghandha, il-habib tal-attrici li jissemma fin-noti tas-Social Worker hu Karmnu Magro mill-Qrendi. L-attrici kienet indikatu lihom bhala kuntatt f'kaz ta' emergenza.

**L-Avukat tat-Tfal, Dottor Stephanie Galea,** fit-tieni rapport taghha,[7] ddikjarat li rrizultalha li t-tfal Q u P ghandhom mibgheda kbira ghall-ommhom; P qal car u tond li ma jrid ebda kuntatt ma' ommu fil-waqt li Q, tirrifjuta li titkellem u qatt ma riedet tghid x'kienet r-raguni ghalhiex ma tridx li jkollha kuntatt ma' ommha.

Hi rrakkomandat li jigi nominat b'urgenza 'child psychologist' mill-Foundation for Social Welfare Services, anke peress li s-servizzi huma bla hlas, biex jigi determinat jekk it-tfal ghandhomx jibqghu jkunu kostretti jiltaqghu ma' ommhom kontra x-xewqa taghhom.

Dan gie appuntat b'digriet tas-16 ta' Awissu 2013, u b'effett immedjat gie sospiz l-access ghat-tfal mill-omm.

B'Digriet tal-10 ta' Dicembru 2015,[8] il-Qoti, wara li semghet lil minuri P 'in camera' pprovdiet dwar l-access li l-istess minuri jmur fir-residenza ta' ommu fil-Milied u fl-Ewwel tas-Sena bejn l-4.00pm u s-6.00pm u kull nhar ta' Sibt b'effett mit-12 ta' Dicembru 2015 bejn id-9.30am u l-11.30am.

Is-**Social Worker Andreana Gellel** xehdet quddiem il-Qorti fis-seduta tat-18 ta' Frar 2016.[9] Hi ddikjarat li ltaqghet mat-tifel P fl-iskola billi hasset li kien ahjar li tkellmu hemmhekk milli fil-bini tal-Appogg. Tkellmu fit-tul fuq ir-relazzjoni tieghu ma' ommu u x-xhud iddikjarat li kienet sodisfatta bil-komportament tat-tifel u kienet qed tara li kien hemm miljorament sinjifikattiv, billi fejn qabel waqt l-access kien juri nuqqas ta' interess u anke kien 'fizikament iwegga' lill-ommu', illum iddikjara li hu kuntent jmur jqatta' saghtejn maghha s-Sibt fil-ghodu. Jidher li hu kien kuntent li jaraha pero' b'certu liberta' billi jekk jhossu kostrett ma jmurx bil-qalb. It-tifel kien hassu mwegga' mill-fatt li ommu kellha access liberu u ma kienitx tmur ghall-access, pero' l-attrici spjegatlu li hi genwinament ma kienitx taf dan u saret tafu biss meta beda l-access taht supervizjoni. Ix-xhud, mill-esperjenza taghha ddikjarat li tahseb li t-tfal ibatu minn '**Parental Alienation Syndrome'** u r-raguni ghal din hi li t-tfal ikunu semghu xi informazzjoni negattiva fuq l-omm. Hi ssuggeriet li indipendentement mill-kawza ghandu jinzamm kuntatt kemm ma' P kif ukoll ma' R biex din r-relazzjoni tissahhah. Ix-

[6] Fol 116.
[7] Fol 135.
[8] Fol 245.
[9] Fol 261 et seq.

xhud iddikjarat in oltre li ddiskutew jekk ghadhiex tinbidel il-gurnata u l-hin, pero' P kien kuntent li jibqa' kollox l-istess cioe' s-Sibt filghodu.

**Il-konvenut N M**, annetta l-affidavit tieghu mahluf fid-9 ta' Marzu 2016 ma' nota ipprezentata fit-28 ta' April 2016.[10] Hu ddikjara li zzewweg lil R M u kellhom tlett itfal. Bejn is-sena 2005 u 2006 sab xi messaggi fuq il-mobile tal-mara tieghu li tawh x'jifhem li hi kellha relazzjoni ma' certu Domnic. Ohtu Margaret Farrugia kienet rat lil R ma' ragel Hal-Safi, pero'meta hu staqsa lill-attrici dwar dan hi nnegat. Hu jghid li darba ra avviz fil-gazzetta Teledeal minn xi hadd li ried jissellef LM400. Meta ra in-numru rrealizza li kien l-istess numru li minnu martu kienet tircevi l-messaggi. Cempillu, ftehmu li jiltaqghu il-Belt, biex jisilfu il-flus u qallu li jismu Domnic. Ltaqghu hdejn Eddie's Bar u marru ghand it-Tikka Bar. Qallu li l-flus kellu bzonnhom biex ihallas lill-martu li kien issepara minn maghha. Qallu li kien jahdem bhala 'watchman' u li kellu xi incident bil-loghob tan-nar. Meta staqsih kellhux xi siehba dan irrisponda "Ghandi wahda mill-Mosta imma bhalissa dejqitni. Ghandha t-tfal u taqbad u tigi ghandi d-dar." Qallu ukoll li ghandha sieq wahda sewda, jahseb li ghandha xi marda u li jitqazzizha. Wara xi hames minuti li kienu hemm Domnic rcieva telefonata li kienet mill-attrici u ma riedx jirrispondiha, pero' l-konvenut ikkonvincih jirrispondi. Il-konvenut jghid li sema' l-mara tieghu tghidlu "Ghalhiex qed taghmilli hekk?" u hadlu il-mobile minn idu u kellimha u malli gharfitu qatghet. Hu harreg il-barra u cempel lil R mill-mobile tieghu u meta staqsitu fejn kien qalilha li kien hdejn gbienha. Hu mar gabar t-tfal mill-iskola u mar d-dar izda hi ma' kinitx hemm u marret wara d-9.00pm.

Il-konvenut jghid li meta l-attrici wasslet d-dar 'ovvjament inqala' argument' hi kellha maghha il-genituri taghha u fil-waqt li kienet tibki talbitu jahfrilha. F'dan iz-zmien kienu ghadhom joqghodu il-Mosta.

Il-konvenut jghid li f'Awwissu tal-istess sena kien qabad lil martu ma' ragel iehor meta kienet qeghedha l-Isptar. Jghid li nqala' argument, gew il-Pulizija u li dan ir-ragel kien jismu Karmnu u kien joqghod il-Qrendi.

R wara li harget mill-Isptar ma marritx d-dar fis-Siggiewi, u t-tfal baqghu ma' missierhom. Hi rritornat fid-dar tas-Siggiewi fl-1 ta' Novembru. I-konvenut jghid li l-attrici kienet tmur il-kazin tal-football tal-Imqabba u skont il-konvenut fid-29 ta' Novembru fis-7.00pm hu mar il-kazin u l-barman qallu li l-attrici kienet qed taqla' l-inkwiet billi kienet tiltaqa' ma' ragel iehor u billi Karmnu mar fl-istess kazin inqala' l-inkwiet. Dakinhar il-konvenut kien qal lill-attrici biex ma tibqax tghix maghhom is-Siggiewi u tmur l-Imgarr fejn kellha post bil-kera. It-tfal Q u P

[10] Fol 273.

jghixu mieghu, it-tifla tmur il-Junior College u t-tifel kemm ilu jara lil ommu lil missieru ma jghidlu xejn.

Il-**konvenut N M** xehed in kontro-ezami quddiem il-Qorti fis-seduta tat-2 ta' Gunju 2016.[11] Hu qal li kien jahdem is-Shipbuilding u wara kien fuq ir-Relief, kien jircevi xi erbghin (Liri Maltin) u kien jaghtiha tletin minnhom. Hu ddikjara li ghal ahhar tas-sena 2005 u l-bidu tas-sena 2006 kien ra il-messaggi fuq il-mobile ta' martu minn certu Domnic li kien joqghod Hal-Safi u li barra l-okkazjoni li kien semma' qatt ma rega' kellmu. Mistoqsi x'qaltlu l-attrici meta staqsiha fuq dan Domnic rrisponda li ghall-ewwel bdiet tichad u wara bkietlu biex jahfrilha. Il-konvenut qal ukoll li martu kienet dejjem trid tmur il-kazin biex tiltaqa' ma' certu Karmnu li kien ukoll jiffrekwenta il-kazin. Dwar l-incident ta' Awwissu meta l-konvenut qal li ra lill-martu l-isptar fuq soda ma' ragel iehor, hu qal li kellu suspett f'dan ir-ragel li darba kien rah il-kazin u wara hames minuti hareg u hu hareg ftit wara u mar l-isptar u sabu hemmhekk.

Il-konvenut qal li wara dan l-incident tal-isptar martu ma marritx lura d-dar u marret go home, u regghet marret d-dar wara xi tlett xhur. Hu jghid li ssoportiha ghal xahar u mbaghad il-habib Karmnu qabadha ma' iehor fil-kazin u kellhom xi jghidu. Dan hu sar jafu mill-barman li qallu biex johodlu lill-martu minn hemm ghax qalatlu l-inkwiet. Dwar l-incident fejn kien nstab hati mill-Qorti, l-konvenut qal li kien imbuttha billi malli dahlet mill-bieb bdiet tkisser l-affarjiet u dwar l-incident tal-borma bil-mishun il-konvenut qal li laqat il-borma li kienet fuq il-cooker, u hi intlaqtet billi kienet bil-qieghda hdejn il-cooker.

**Margaret Farrugia, oht il-konvenut,** xehdet fis-seduta tat-13 ta' Lulju 2016 mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju.[12] Hi qalet li tahdem ghand in-nies u darba fis-sena 2005 meta l-partijiet kienu ghadhom flimkien, billi ma kinitx tiflah ma marritx xoghol. Hi toqghod Hal Safi u flokk marret x-xoghol marret tixtri u rat lil R fuq bank ma' ragel iehor fil-Misrah ta' Hal Safi. Dan ir-ragel kellu idu madwar dahar R. Malli R rat lix-xhud 'telqet u baqghet nizla l' isfel'. Hi marret tkellem lil dan r-ragel li ma kellimhiex. Cemplet lil ohtha Tessie li qaltilha li forsi kien xi habib ta' huhom N u ghalhekk lil huha ma qaltlu xejn.

Hi qalet li qatt ma' rat xi marki fuq R pero' taf li kull xahar tmur l-isptar biex **ticcekja d-demm.**

**WPC 311 Stephanie Saliba** xehdet fis-seduta tal-21 ta' Ottubru 2016 mizmuma mill-assistent Gudizzjarju.[13] Hi pprezentat 20 rapport li saru mill-attrici u mhux biss kontra l-konvenut, li gew immarkati Dok SS1 sa Dok SS20.

[11] Fol 300.
[12] Fol 314.
[13] Fol 318.

L-attrici b'nota tas-17 ta'April 2015 ipprezentat 10 rapporti, u mill-ghoxrin rapport ipprezentat mix-xhud WPC 311 Stephanie Saliba s-segwenti rapporti kienu gja' gew ipprezentati mill-attrici, dawn huma: Rapport tad-9 ta' Settembru 2006, tal-24 ta' Ottubru 2006, tas-16 ta' Awissu 2006, tad-9 ta' Gunju 2007, u tal-1 ta' Lulju 2007.

Mir-rapporti l-ohra, tnejn minnhom jirreferu ghal Karmnu Magro. Fir-rapport tat-12 ta' Dicembru 2006 l-attrici rrapportat lil Karmnu Magro, indikat fir-rapport bhala 'ex habib taghha' li beda jinsulentaha, qallha biex jergghu jirrangaw u meta qaltlu le gidmilha subghajha u kkagunalha ferita ta' natura hafifa, u hadilha l-mobile li kien rregalalha hu stess.

Fir-rapport tal-5 ta' Dicembru 2008, l-attrici rrapportat li kienet fil-karozza ma' Carmel Magro fil-parking tal-Lidl f'Hal-Safi u certu Louis Mifsud beda jhabbat mal-windscreen tal-karozza ta' Magro u qal lill-attrici li abbandonat lill-uliedha.

Il-maggorparti tar-rapporti l-ohra jirreferu ghal certu Louis Mifsud ta' 4, Alley 2, Parish Street, Mqabba li hu indikat bhala ex habib taghha. L-attrici rrapportat li Louis Mifsud kien jinsultaha u jgheddidha u li kien imur fl-appartament mikri ghandha fis-sakra.

Ir-rapporti li jirreferu ghal Louis Mifsud huma s-segwenti:

Rapport tal-25 ta' Ottubru 2007, tad-29 ta' Novembru 2007, tat-13 ta' Dicembru 2007, tas-6 ta' April 2008, zewg rapport, tal-5 ta' April 2008, tat-8 ta' April 2008, tal-4 ta' Mejju 2008,tat-28 ta' Lulju 2008, tat-3 ta' Awissu 2008, tal-20 ta' Settembru 2008 u tal-11 ta' Mejju 2007.

**Joseph Saliba, ghal Jobs Plus** xehed quddiem il-Qorti fis-seduta tal-11 ta' Ottubru 2017.[14] Hu pprezenta l-Employment History u Registration History tal-konvenut N M, u ddikjara li fil-prezent il-konvenut kien qed jirregistra fuq l-ewwel parti, cioe' li mhux qed jahdem u qed iffittex ix-xoghol. Irrizulta li l-ahhar li hadem il-konvenut kien fin-1995, mis-16 ta' April 2013 la kien jirregistra l-anqas jahdem u rega' beda jirregistra taht l-ewwel parti fit-18 ta' Settembru 2017.

**Saviour Theuma, ghad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali**, xehed fl-istess seduta.[15] Hu ddikjara li l-konvenut fil-prezent qed jircevi zewg beneficcji, cioe' beneficcju tal-assistenza socjali u beneficcju tas-supplimentari, billi t-tfal qed jghixu mieghu. Dan japplika sa meta t-tfal ikollhom 18 il-sena wara l-missier hu obbligat li jmur jirregistra. Ilu jircievi l-assistenza socjali minn 1998.

[14] Fol 428.
[15] Fol 433.

**Bruno Zahra ghall-Legal Aid Malta**, xehed fl-istess seduta.[16] Hu ddikjara li l-applikazzjoni tal-konvenut N M ghall-ghajnuna legali kienet saret qabel s-sena 2015.

L-attrici pprezentat nota ta' sottomissjonijiet fil-11 ta' April 2017,[17] li giet notifikata lill-legali tal-konvenut fit-18 ta' April 2017. Skont verbal registrat fis-seduta tad-9 ta' Marzu 2017 l-konvenut nghata l-fakolta' li jipprezenta nota responsiva fi zmien 6 gimghat min-notifika cioe' sat-30 ta' Mejju 2017 pero' ma jirrizultax li giet ipprezentata din n-nota responsiva.

Dwar kura u kustodja tal-ulied hi ddikjarat li l-ewwel tnejn huma maggorenni u billi z-zghir P jaghlaq 18 il-sena fl-4 ta' April 2018 l-access ghandu jkun liberu u bi ftiehim bejn t-tifel u l-omm.

Hi ddikjarat li mhux qed tinsisti ghall-manteniment minn ghand il-konvenut billi taf li ma jahdimx.

Dwar manteniment ghat-tfal, t-tnejn il-kbar huma maggorenni, u z-zghir ghandu impieg.

L-attrici tissottometti li ghandhom japplikaw kontra l-konvenut s-sanzjonijiet elenkati fl-Artikoli 48 et seq tal-Kodici Civili b'effett mis-16 ta' Jannar 1992.

Hi ddikjarat li l-gojjellerija parafernali taghha, konsistenti f'curkett, gizirana, zewg chokers u gizirana kollha tad-deheb huma fil-pussess tal-konvenut u ghandhom valur ta'€3494 u l-konvenut ghandu jigi ordnat jirrestitwixxi lill-attrici din il-gojjellerija u fin-nuqqas ihallasha il-valur taghhom.

Dwar il-komunjoni tal-akkwisti hi ddikjarat li din tikkonsisti fis-segwenti:

1. Bicca art li l-konvenut kien akkwista bi shab ma' huh Carmel M li tinsab fil-Qrendi, art tax-Xaghri Imqalleb.
2. Van transit.
3. Karozza Renault.
4. Enciclopedija tal-ikel.
5. Grilioso.
6. Cooker.
7. Fridge.
8. Ritratt kbir fis-salott.
9. Rota.

[16] Fol 437.
[17] Fol 393 et seq.

Hi pproponiet li l-art ghandha tibqa’ in komun u jekk tinbiegh r-rikavat ghandu jinqasam ugwalment bejniethom.

Il-kumplament tal-mobbli u l-vetturi billi baqghu fil-pussess tal-konvenut, l-attrici ipproponiet li jigu assenjati lill-konvenut u hi ghandha tinghata kumpens ghall-sehemha stabbilit ‘arbitrio boni viri’ minn din il-Qorti.

**KONSIDERAZZJONIJIET.**

Il-partijiet izzewgu fis-16 ta’ Jannar 1993. Kellhom tlett itfal, X Y li twieled fit-30 ta’ Awissu 1992, Q li twieldet fl-24 ta’ Lulju 1998 u P li twieled fl-4 ta’ April 2000.

L-attrici talbet li jibda il-process ta’ medjazzjoni b’ittra tal-15 ta’ Settembru 2009 u giet awtorizzata tipprocedi bil-kawza b’digriet tal-15 ta’ April 2010. Ir-rikors guramentat tal-attrici gie pprezentat fid-9 ta’ Gunju 2010.

**Responsabbilta' tal-Konvenut.**

L-attrici tikkontendi li l-hajja matrimonjali tal-partijiet tfarrket irrimedjabbilment minnhabba vjolenza, ingurji gravi, sevizzi, adulterju u molestja da parti tal-konvenut zewgha.

Il-konvenut fir-risposta guramentata tieghu pprezentata fil-11 ta’ April 2011 ma’ ssollevax eccezzjonijiet fil-mertu izda illimita ruhu biex jeccepixxi d-deserzjoni tal-azzjoni attrici fit-termini tal-Artikolu 963 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, stante d-dekors ta’ sitt xhur minn meta gie pprezentat r-rikors promotur.

Din l-eccezzjoni giet michuda b’sentenza ta’ din il-Qorti tat-23 ta’ Gunju 2011, pero’ il-konvenut baqa’ ma ressaq l-ebda eccezzjonijiet formali fil-mertu.

Irrizulta mill-affidavit tal-attrici u ta’ ommha li l-konvenut kien vjolenti mal-attrici u kien spiss isawwatha. L-attrici tghid li kien issawwatha anke waqt l-gherusija, u matul iz-zwieg, anke meta kienet tqila u kien f’diversi okkazzjonijiet ghamel sikkina ma' ghonqha. Kien jahdem fil-bars, dejjem jixrob, jispicca fis-sakra u jinfexx fiha billi kien isir aktar aggressiv u vjolenti. Jirrizulta wkoll li l-konvenut ma kienx jippartecipa ma’ martu u uliedu f’okkazjonijiet importanti ghall-familja. Ma attendiex ghall-precett u l-grizma tat-tifla Q, fil-Milied kien johrog jixrob wahdu, u martu u uliedu jibqghu gewwa u meta kienu diversi drabi l-familja kollha fil-karozza kien jwerwirhom billi jsuq b’sahha u jieqaf f’daqqa fit-tarf ta’ barriera fil-Qrendi u jghidilhom li jitfaghhom ghal isfel.

Il-konvenut nstab hati mill-Qorti Kriminali li sawwat lill-martu. In oltre, Samatha b'borma mishun,ipprova jtajjarha bil-karozza u kien ser jifga lill-attrici li rnexxhielha tahrablu.

In tema legali ssir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet "**Caterina Agius vs Benedict Agius**" deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-13 ta' Gunju 1967 ntqal li: "Il-ligi taghna tqieghed bhala mottivi li jiggustifikaw l-azzjoni, l-episodji saljenti tal-hajja konjugali u mhux incidenti minuri". Fil-kawza fl-ismijiet "**Antonia Mifsud vs Giuseppe Mifsud**" deciza mill-Qorti tal-Appell fil-21 ta' Frar 1969 intqal: "biex jkun hemm mohqrija jehtieg li jkun hemm mhux xi att izolat ta' xi daqqa waqt xi tilwima imma l-persistenza f'certa mgieba hazina li turi li l-konjugi ma jisthux jkomplu jghixu flimkien". Fil-kawza fl-ismijiet "**Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud**" deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Gunju 1961 ntqal: "Certi fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteggjamenti li jistghu jirrendu l-hajja komuni nsopportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bhala sevizzi………Is-swat, mbghad, u l-"vie di fatto" fuq il-mara, li ma humiex tollerabbli fl-ebda grad jew stat socjali, certament jikkostitwixxu eccessi, meta jigu adoperati minghajr ebda motiv ragjonevoli, jew minghajr provokazzjoni".

L-attrici tilmenta mill-fatt li zewgha kien isawwatha minghajr provokazzjoni sa minn meta kienu ghadhom gharajjes, u baqa' jisawwatha wara li zzewwgu anke meta kienet tqila. Il-genituri taghha kienu ndunaw minn qabel li l-partijiet izzewgu li kien issawwatha u ma rieduhiex tizzewwgu pero' l-attrici tghid li kienet 'ghamja fuqu u zzewwigtu'.

Irrizulta li l-konvenut kien ilu li telaq minn impieg stabbli sa mis-sena 1995 u kien jahdem fil-bars bil-konsegwenza li ma kienx jaqla' flus bizzejjed biex jzomm lill-familja, kien jaghmel sighat twal boghod mid-dar u l-familja u billi kien ikun il-gurnata kollha fil-bar kien jixrob u kien jirritorna d-dar fis-sakra u skond l-attrici 'kien jinfexx jsawwatni anki ghal xejn b'xejn'. Il-barriera biex jwerwirhom.

Mir-rizultanzi processwali l-Qorti hi tal-fehma illi z-zwieg tal-partijiet tkisser minhabba l-vjolenza, l-eccessi u swat da parti tal-konvenut fuq l-attrici.

**Responsabbilta' tal-Attrici**.

Peress li l-attrici qed titlob dikjarazzjoni gudizzjarja li z-zwieg tkisser unikament tort tal-konvenut, jehtieg jigi ezaminat jekk l-attrici kkontribwitx ukoll ghat-tkissir taz-zwieg u ghalhekk jekk hiex ukoll responsabbli.

Il-konvenut, kif gja' gie rilevat, illimita ruhu ghall-eccezzjoni preliminari fir-risposta guramentata tieghu u wara li din giet deciza baqa' ma pprezentax

eccezzjonijiet fil-mertu u wisq anqas kontro-talba. Huwa pero' principju ta' dritt fondamentali illi min jallega jrid jipprova.

**Artikolu 562 tal-Kap. 12** jipprovdi illi: "Bla ħsara ta' kull dispożizzjoni oħra tal-liġi, l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallega."  Kif gie dikjarat fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fl-ismijiet **Joseph Zammit vs Joseph Hili,** moghtija fis-27 ta' Gunju, 1953: "ma hux dubitat li r-regola generali hi l-"onus probandi" hu fuq min jafferma fatt u mhux fuq min jinnegah - "ei incumbit probatio qui dicit, non ei qui negat"."

Artikoli daqstant iehor rilevanti huma s-segwenti:-

**Artikolu 44, Kap. 16:**

"Il-fatt li jkun hemm raġunijiet li għalihom sew ir-raġel kemm il-mara jistgħu jitolbu l-firda, mhux ta' xkiel għall-wieħed jew għall-oħra li jitolbu l-firda kontra xulxin.

**Artkolu 45, Kap. 16:**

"Iżda, meta jiġi ppruvat xi fatt li minħabba fih il-konvenut seta' wkoll kieku ried jitlob il-firda, il-qorti tista' tieħu qies ta' dak il-fatt għall-finijiet tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 52."

In forza tal-artikoli appena citata l-Qorti ghandha s-setgha f'kawzi ta' separazzjoni personali illi titratta wkoll evidenza li tingieb mill-konvenut dwar tortijiet imputabbli lill-attrici anke fic-cirkostanzi, bhal dak odjern, fejn il-konvenut ma ressaqx eccezzjonjiet formali fil-mertu u anke sahansitra fejn il-konvenut ikun kontumaci.

Fil-fehma tal-Qorti, sabiex il-Qorti tiehu in konsiderazzjoni provi fil-konfront tal-attrici dwar it-tkissier taz-zwieg sabiex tiddeciedi jekk tapplikax ukoll fil-konfront taghha d-disposizzjonijiet tal-artikolu 52, jehtieg allura illi tiddelibera dwar jekk l-attrici kelliex ukoll tort fit-tkissir taz-zwieg tal-partijiet.

Fl-affidavit tieghu il-konvenut jallega li martu ikkommettiet adulterju.  Xehed li fl-ahhar tas-sena 2005 u bidu tat-2006 kien ra xi messaggi fuq il-mobile taghha li galuh jissusspeta li l-attrici kellha relazzjoni ma' ragel iehor li kien jismu Domnic. Hu rrakkonta c-cirkostanzi partikolari li wassluh biex jiltaqa' mieghu ghand t-Tikka Bar il-Belt u li l-attrici cemplitlu waqt li kien mieghu u hadlu l-mobile u kellem lill-attrici hu stess. Oht il-konvenut xehdet li rat lill-attrici ma' ragel iehor fuq bank f'Hal-Safi. L-attrici, fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha, tikkontesta din l-allegazzjoni .  Il-konvenut xehed ukoll li martu kellha relazzjoni ma' certu

Karmnu mill-Qrendi u li qabadhom fis-sodda f'Awwissu 2006 meta martu kienet fl-isptar. L-attrici, fl-istess nota tissottometti li fl-ambjent tal-isptar, bit-tobba u n-nurses fuq il-post dak allegat mill-konvenut hu prattikament impossibbli. Il-konvenut pero' jghid li nqala' argument, gew il-Pulizija fuq il-post u meta l-attrici harget mill-isptar ma marritx d-dar. Dan hu kkonfermat mir-rapport li ghamlet l-attrici fis-16 ta' Awissu 2006[18] li waqt li kienet barra d-dar Ghabex mar fuqha zewgha u qalilha li tista tmur ghall-hwejjeg u jekk tridx tara lit-tfal. Hi bezzghet minnu ma kellmitux u hu telaq. Hi ghamlet r-rapport billi kienet bdiet il-proceduri ta' separazzjoni.

Dwar l-istess Karmnu Magro, l-attrici ghamlet rapport fit-12 ta' Dicembru 2006,[19] li meta nizlet mill-karozza tal-linja fil-pjazza tal-Mqabba, dan li fir-rapport hu indikat bhala 'ex habib taghha' beda jinsulentaha, qalilha biex jergghu jirrangaw flimkien u meta qaltlu le, gidmilha subghajha u kkagjonalha ferita ta' natura hafifa kif iccertifika Dr R Gauci tac-Centru tas-Sahha tal-Mosta. Mir-rapporti tal-Pulizija jirrizulta wkoll li l-attrici kienet ghamlet rapport kontra Magro li hadilha il-mobile tal-marka Samsung li kien rregalalha hu stess. Hi talbet lill-Pulizija biex Magro jigi mwissi biex ma jkellimhiex u jirritornalha il-mobile.

Il-konvenut jallega wkoll li l-konvenuta kellha relazzjoni ma' certu Louis Mifsud. Jirrizulta mill-atti li l-attrici ghamlet diversi rapporti kontra dan Louis Mifsud li saru bejn Mejju 2007 u Dicembru 2008. Fil-11 ta' Mejju 2007,[20] l-attrici ghamlet rapport l-Ghassa tal-Mosta li recentement kien qed ikollha hafna argumenti mal-habib taghha Lewis Mifsud, li kien qed imur ghandha fil-flat li hi kriet fl-Imgarr, fis-sakra. Hi ma riditx li jittiehdu proceduri kriminali kontrih, izda li jigi mwissi mill-Pulizija u biex ma jibqax imur ghandha fl-imsemmi flat.

Ir-rapporti l-ohra, kollha saru mill-attrici fil-konfront ta' Louis Mifsud cioe' dak tal-25 ta' Ottubru 2007,[21] fejn irrapportatu li heddidha li lir-ragel u lit-tfal jtajjarhom b'bomba; dak tad-29 ta' Novembru 2007,[22] fejn l-attrici rrapportat li mar jigbor il-mobile taghha li kien ghat-tiswija; dak tat-13 ta' Dicembru 2007,[23] fejn irrapportatu li hebb ghaliha, gidimha u hadilha il-mobile; dak tas-6 ta' April 2008,[24] fejn l-attrici rrapportat li l-ex habib taghha Louis Mifsud beda jsegwiha u jinsulentaha; dak tas-6 ta' April 2008,[25] fejn irrappotatu li fil-5 ta' April 2008 heddidha u insultha b'messagg fuq il-mobile; dak tal-5 ta' April 2008,[26] fejn l-attrici rrapportatu li kien qieghed kontinwament iddejjaqha u jghajjarha

[18] Fol 373.
[19] Fol 336.
[20] Fol 369.
[21] Fol 332.
[22] Fol 335.
[23] Fol 339.
[24] Fol 344.
[25] Fol 346.
[26] Fol 349.

ghalkemm kien gie mwissi diversi drabi mill-Pulizija; dak tat-8 ta' April 2008,[27] fejn irrapportatu li kien qed jistenniha barra r-residenza taghha f'Hal Safi u meta harget beda jinsultaha, kien ser ihebb ghaliha, intervjena binha u beda jaggreddixxu lili u remielu l-mobile; dak tal-4 ta' Mejju 2008,[28] fejn heddidha billi qalilha 'Tir ta' senter intik'; dak tat-28 ta' Lulju 2008, fejn heddidha bit-telephone, dak tat-3 ta' Awissu 2008 fejn ghajjarha u insultha, u dak tas-7 ta' Settembru 2008 fejn gheddidha bit-telephone u l-attrici pprocediet bi kwerela u kienu ser jittiehdu proceduri kontrih billi kien kiser ordni tal-Qorti tal-Magistrati tat-18 ta' Gunju 2008.

Il-partijiet ssepparaw 'de facto' f'Awwissu 2006; fir-rapport maghmul mill-attrici fit-12 ta' Dicembru 2006, Karmnu Magro hu indikat bhala 'l-ex habib taghha'; ir-rapporti li saru bejn Mejju 2007 u Settembru 2008 kollha jirreferu ghall-insulti u theddid da parti ta' Louis Mifsud ukoll indikat fir-rapporti bhala 'ex habib' tal-attrici, fil-konfront tal-istess attrici. Fir-rapport tal-5 ta' Dicembru 2008,[29] l-attrici irrapportat fl-Ghassa taz-Zurrieq li waqt li kienet fil-parking tal-Lidl f'Hal Safi fil-karozza ma' Carmel Magro, Louis Mifsud mar ihabbat fuq il-karozza u qal lill-attrici li kienet abbandonat lit-tfal.

Il-konvenut, fl-affidavit tieghu,[30] jghid li f'Novembru (2006) l-attrici regghet marret tghix maghhom fis-Siggiewi, kienet dejjem trid tmur il-kazin tal-football tal-Imqabba u fid-29 ta' Novembru harget mid-dar fil-ghodu u billi ma rritornatx hu mar ghalija fil-kazin u malli wasal l-barman qallu li l-attrici qed taqlalu l-inkwiet. Il-konvenut iddikjara "Apparentement fil-Kazin kienet tiltaqa' ma ragel iehor, u darba fost l-ohrajn, Karmnu mar fl-istess kazin u nqala' l-inkwiet hemmhekk". Il-konvenut jghid li dakinhar qalilha biex ma tibqax toqghod maghhom fis-Siggiewi u billi kellha flat mikri fl-Imgarr tmur tghix hemm.

Fil-11 ta' Mejju 2007 l-attrici ghamlet rapport, gja' imsemmi 'supra' li l-habib taghha Louis Mifsud kien qed imur ghandha fis-sakra, l-argumenti kienu dejjem jizdiedu bejniethom u ghalhekk ghalkemm ma riditx li jittiehdu proceduri kriminali kontrih talbet li jigi imwissi mill-Puliuzija u biex ma jibqax jmur ghandha fl-appartament li kienet kriet.

Minn ezami ta' dawn ir-rapporti li saru mill-istess attrici, jirrizulta li l-partijiet separaw 'de facto' fis-sajf tat-2006, fis-6 ta' Settembru 2006 ftehmu li l-attrici tiehu l-hwejjeg taghha ghand il-genituri taghha u sat-12 ta' Dicembru 2006 kellha xi tghid mal-habib taghha Karmnu Magro, u sal-11 ta' Mejju 2007 riedet taqta' r-relazzjoni taghha ma' Louis Mifsud.

[27] Fol 356.
[28] Fol 358.
[29] Fol 368.
[30] Fol 275.

Dwar l-adulterju, fil-kawza fl-ismijiet " **Rosina Micallef vs Angelo Micallef**" deciza mill-Prim Awla tal-Qorti civili fis-27 ta' gunju 1964 ntqal: " L-adulterju jista' jigi ppruvat permezz ta' indagni u presunzjonijiet, purche' dawn jkunu gravi, precizi u konkordanti, b'mod li ma jhallux ebda dubbju f'min ghandu jiggudika.

Huwa sufficjenti li tirrizulta wahda biss mill-kawzali elenkati mill-ligi sabiex jinghata lok ghas-separazzjoni personali."

Fil-kawza fl-ismijiet "**Josephine Edwards vs Avv Dottor Joseph H Xuereb noe"** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-22 ta' Frar 1961 ntqal:

" Ghall-prova tal-adulterju ma hemmx bzonn ta' testimonjanza de visu' jew il-flagranza, imma bizzejjed il-konkors ta' cirkostanzi precizi, gravi u univoci, illi jwasslu lill-giudikant ghall-konvinciment tal-fatt".[31]

Ezaminati l-provi mressqa specjalment il-korroborazzjoni li joffru ir-rapporti maghmula mill-istess attrici lill-Pulizija, mat-testimonjanza tal-konvenut, il-Qorti qed tikkonkludi u tiddeciedi illi mill-kumpless tal-provi imressqa jirrizulta sodisfacentement illi l-attrici kellha relazzjonijiet adulteri mal-persuni fuq imsemmija.

Il-Qorti ghalhekk qed tiddeciedi illi ghat-tkissir taz-zwieg jahtu iz-zewg partijiet.

### Kura u Kustodja tat-tfal.

It-tifel X Y twieled fit-30 ta' Awissu 1992, illum hu ghandu 25 sena. It-tifla Q twieldet fl-24 ta' Lulju 1998, illum ghandha 19 il-sena. It-tifel P twieled fl-4 ta' April 2000 u ghalhekk lahaq l-eta' magguri ftit jiem ilu.

Ghalhekk mhux mehtieg li l-Qorti tipprovdi dwar kura u kustodja ta' ulied il-partijiet.

### Manteniment

[31] Ara wkoll "**Rita Busuttil pro et noe vs Raymond Busuttil**" – Appell – 15.12.2015, citata mill-Perit Legali (fol. 1049).

It-tfal il-kbar huma maggiorenni u t-tifel P hu impjegat. L-attrici, fin-nota ta'sottomissjonijiet taghha ddikjarat li billi l-konvenut ma jahdimx mhiex qieghda tinsisti ghall-manteniment ghaliha.

**Propjeta' Parafernali u Komunjoni tal-Akkwisti**

L-attrici ddikjarat fin-nota ta' osservazzjonijiet taghha illi ghandha gojjellerija konsistenti f'curkett, gizirana, zewg chokers u gizirana bil-pendent kollha tad-deheb fil-valur ta' €3494 u li jinsabu fil-pussess tal-konvenut. Fil-fatt ma gie prodott l-ebda dokument dwar din il-gojjellerija la dwar il-konsistenza tal-istess u l-anqas dwar il-valur. Tissottometti wkoll fin-nota taghha illi l-komunjoni tal-akkwisti tikkonsisti fis-segwenti:

1. Bicca art li l-attrici tallega l-konvenut xtara matul iz-zwieg ma' huh Carmel M li tinsab fil-Qrendi tax-Xaghri Imqalleb.
2. Van Transit.
3. Karozza Renault.
4. Enciklopedia tal-Ikel.
5. Grilioso.
6. Cooker.
7. Fridge.
8. Ritratt kbir tas-Salott.
9. Rota.

L-attrici pproponiet fin-nota taghha illi l-art tibqa' in komun ma' hu l-konvenut u jekk tinbiegh r-rikavat minn sehem il-konvenut ghandu jinqasam ugwalment bejniethom. Il-kumplament tal-mobbli nkluz il-vetturi ghandhom jigu assenjati lill-konvenut li ghandu jikkumpensa lill-attrici ghal sehemha.

Pero', meta wiehed jezamina l-atti ma jsib kwazi l-ebda tracci ta' provi dwar l-aspett partimonjali tal-vertenza. Fir-rigward insibu dan biss fl-affidavit tal-attrici:-

"Bhala proprjeta' m'ghandiex djar pero' waqt iz-zwieg ir-ragel qalli li kien akkwista bicca art fil-Qrendi mill-art tax-Xaghri Imqalleb. (Dok. B).

Ghandna zewg karrozzi Van transit u l-ohra aktarx Lancia.

Id-dar kelli kaxxa deheb u ma nafx x'sar minnha. Kelli wkoll choker tad-deheb."

Pero' meta wiehed jezamina l-process jiskopri illi Dok. B li suppost kellu jkun allegat mal-affidavit ma giex ezebit. Isegwi ghalhekk illi l-attrici naqset milli tressaq l-ahjar prova dwar l-allegazzjoni taghha. In-nuqqas ta' din il-prova huwa

fatali ghall-pretensjoni attrici in kwantu spiccat ma hi sorretta minn ebda prova sodisfacenti.

L-istess jista' jinghad dwar l-oggetti l-ohra li l-attrici taghmel referenza ghalihom fl-affidavit taghha, inkluz il-karozzi imsemmija. Kien jispetta lill-attrici illi tharrek lil rapprezentant ta' Transport Malta sabiex jixehed dwar in-numru ta' registrazzjoni u l-marka tal-karrozzi u min hu l-persuna jew persuni licenzjati bhala sidien. Minn dan kollu ma sar xejn u ghalhekk ukoll tali allegazzjoni baqghet biss allegazzjoni mhux pruvata.

Tallega wkoll illi kien hemm "kaxxa deheb." Izda l-ebda prova fir-rigward ma ngabet. La kif suppost gew ghandha u lanqas il-minimu ta' prova, bhal per ezempju xi ritratt ta' dawn il-gojjelli minnha mlibbsa. Ghalhekk anke f'dan ir-rigward l-attrici naqset milli tressaq provi sodisfacenti dwar jekk hemmx assi tal-komunjoni.

**DECIDE.**

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed taqta’ u tiddeciedi l-kawza billi fl-assenza ta' eccezzjonijiet fil-mertu mill-konvenut,

1. Tilqa’ in parti l-ewwel talba tal-attrici u tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dan ghal ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet f'sehem ugwali;

2. Tichad it-tieni talba attrici;

3. Tichad it-tielet talba attrici.

4. Tilqa’ r-raba talba attrici u tordna x-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet;

5. Tichad il-hames talba attrici.

6. Tilqa’ in parte s-sitt talba tal-attrici u tikkommina kontra z-zewg partijiet is-sanzjonijiet kollha kontemplati fl-artikolu 48 tal-Kodici Civili.

L-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Imhallef** **Deputat Registratur**